4 ta' Frar, 1948.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Felice Borg *versus* Capt. Reginald Cassar Torreggiani

**Atti tal-Kummerċ — Bastiment — "Yacht" — Navigazzjoni — Kompetenza — Art. 5 § (f) u 640 (b) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u art. 37 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Kull operazzjoni dwar bastimenti u navigazzjoni hija att oġġettiv tal-kummerċ.*

*It-tiswijiet u fornitura ta' materjal għal bastiment, kif ukoll il-magazzinaġġ ta' bastiment, huma operazzjonijiet li jirrigwardaw il-bastimenti, u għalhekk huma atti tal-kummerċ.*

*U dan avvolja l-bastiment ma jkunx iservi għal skopi tal-kummerċ, imma biss għall-passatemp, bħal ma kien il-"yacht" tal-konvenut fil-każ preżenti. Għax il-liġi ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn bastiment u ieħor, imma, mingħajr ma tħares lejn l-iskop tal-bastiment, tolqot il-bastimenti in ġenerali u n-navigazzjoni.*

*Għaldaqstant il-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawżi dwar obligazzjonijiet li jirrigwardaw dawn l-atti, hija l-Qorti tal-Kummerċ.*

L-attur fit-taħrika talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenut jiġi kundannat iħallas £81. 6. 4, kwantu għal £72. 4. 4 prezz ta' xogħol u materjal għat-tiswija tal-Yacht "Redmark", u kwantu għal £9. 2. 0 prezz ta' xogħol u materjal u magazzinaġġ tal-motor-boat ta' l-attur. Bl-imgħax min-notifika tat-taħrika u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza l-Qorti tosserva li Yacht ta' 40 pied u motor boat ta' 18-il pied tul, bħal ma huma dawk tal-konvenut (ara kont fol. 5-6), huma bastimenti fis-sens tekniku tal-kelma. Skond l-art. 5 § (f) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, kull operazzjoni dwar bastimenti hija att objettiv tal-kummerċ; u t-tiswija u fornitura ta' materjal għal bastiment, kif ukoll il-magazzinaġġ ta' bastiment, huma operazzjonijiet li jirrigwardaw il-bastiment, u għalhekk attijiet tal-kummerċ. Il-liġi ebda distinzjoni ma tagħmel bejn bastiment u ieħor; għalhekk jekk, bħal ma hu l-każ tal-"basti-

*menti"* *tal-konvenut, dawna jservu għall-passatemp biss* tal-konvenut, u mhux għall-kummerċ, b'daqshekk l-operazzjonijiet rigward tagħhom ma jsirux atti ċivili, iżda jibqgħu atti objettivi tal-kummerċ; għax bħala tali jikkunsidrahom il-Liġi, li tipprexindi mill-iskop tal-bastiment u tolqot il-bastimenti in ġenere u n-navigazzjoni;

Il-Boaffio, li jikkommenta fuq dispożizzjoni tal-Liġi Taljana li, għalkemm tuża l-kliem differenti u fit-tul, fis-sostanza taqbel mal-liġi konċiża tal-Kodiċi Tagħna (art. 5), wara li *jirrileva li l-leġislatur Taljan irritjena u ddikjara kummerċjali* l-operazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ tal-baħar u man-navigazzjoni, igħid:— "Non meraviglia dunque che l'attività marinara sia stata e sia sempre considerata come l'elemento più prezioso del commercio, e la sua disciplina così intimamente penetrata dello spirito del diritto commerciale da includere fra gli atti obiettivi di commercio quanti rapporti giuridici ed istituti derivano dai suoi atteggiamenti economici, principali e secondari, fondamentali e accessori, *anche se (come del resto avviene in tutto* l'ambito degli atti di commercio) alcuni di essi possono attualmente mancare del carattere specifico commerciale per chi li effettua senza qualsiasi mira di speculazione (come l'acquisto e l'armamento d'un Yacht a scopo di istruzione o di divertimento, il noleggio di parte d'una nave per trasporto delle masserizie domestiche, ecc.) — Codice di Commercio Commentato, Vol. I, p. 329;

Għaldaqstant l-obligazzjoni tal-konvenut tirrigwarda operazzjoni *li l-liġi tikkunsidra att oġġettiv* tal-kummerċ; u l-kawża tirrigwarda kwistjoni dwar att tal-kummerċ, u bħala tali hija ta' natura kummerċjali (art. 640 (b) Kodiċi tal-Kummerċ), u taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva ta' dina l-Qorti (art. 37 Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' s-sentenza billi tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; u tordna li l-kawża titkompla.

———